MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 842/1998/1

**Aldo Scicluna u Raymond Fenech**

**Vs**

**Mario Ellul u martu Angela Ellul u b'digriet tal-31 ta' Jannar, 2001 Angela Ellul f'isimha proprju u f'isem binha minuri Jurgen Ellul assumit l-atti stante l-mewt Mario Ellul**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew li l-konvenut Mario Ellul jinsab debitur versu l-atturi fis-somma ta' elf u sitt mitt lira (Lm1,600) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' kostruzzjoni, plumbing

u elettriku maghmul mill-atturi fuq inkarigu tal-istess konvenut liema kreditu huwa cert, likwidu u dovut.

Premess illi l-konvenuta Angela Ellul hija mart il-konvenut Mario Ellul.

Premess illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati anke ufficjalment sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

Premess illi fil-fehma tal-atturi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi is-somma ta' Lm1,600 rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' kostruzzjoni, plumbing u elettriku maghmul mill-atturi fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' April, 1997 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Arpil, 1998, tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbidipprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in**-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 16 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-ammont mitlub mill-atturi mhux dovut ghax ix-xoghol li sar minnhom sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti u huma kkagunaw danni kbar lill-eccipjenti kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz u tal-kontro-talba.

2. Inoltre l-atturi abbuzaw serjament mill-uzu tat-telefon tal-eccipjenti li kien jinsab fl-istabiliment de quo u, waqt li kienu hemm wahedhom, ghamlu sensiela ta' telefonati lokali u ghall-barra ghal-skopijiet sesswali u tellghu kont

enormi tat-telefon ghall-periodu li fih huma biss kienu setghu juzaw l-istess telefon u ta' dan qed jintalab ukoll ir-rimbors fl-infraskritta kontra-talba.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **il-kontro-talba** tal-konvenuti li premess taghha l-konvenuti ppremettew illi kienu taw appalt lill-atturi biex jaghmlu xoghol ta' refurbishment f' **"Corky's Restaurant"**, Triq is-Salini, Marsascala, liema xoghol kien jikkomprendi l-elettriku u tqieghed ta' tiles tac-ceramika.

U premess illi fil-kors tal-ezekuzzjoni tal-appalt l-atturi kienu jkunu wahedhom fl-istess stabiliment u kellhom access ghat-telefon hemm installat huma biss.

U premess illi x-xoghol ma giex esegwit skond l-arti u s-sengha u fih difetti serji u parti minnu, partikolarment dak rigwardanti t-tiles tac-ceramika u l-elettriku ser ikollu jerga jinqala u dan bil-fors igib danni kbar lill-konvenuti Ellul ghax ikollhom anki jaghalqu l-istabiliment ghal xi zmien u dan igib, apparti l-ispiza tat-tiswija, telf ta' qliegh "lucrum cessans" (Dok AA).

U premess ukoll li waqt il-kors tax-xoghol l-atturi rikonvenuti abbuzaw mill-uzu tat-telefon u ghamlu hafna telefonati kemm fuq telephones mobile taghhom stess kif ukoll overseas calls li hafna minnhom huma SEX CALLS, kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza u mid-dokumenti esebiti (Dok BB I sa BB IV).

U premess li l-atturi interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni minnhom kagjonati, u r-rimbors ta' dawn il-kontijiet tat-telefon, baqghu inadempjenti.

Jghidu l-atturi rikonvenuti, ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li x-xoghol esegwit mill-atturi rikonvenuti, partikolarment dak tal-elettriku u tat-tqieghed tat-tiles tac-ceramika f'certi ambjenti ta' **Corky's Restaurant**, Triq is-Salini, Marsascala, ma sarx skond l-

arti u s-sengha u fih hafna difetti li hemm bzonn li jigu rimedjati, u li dan ikkaguna danni lill-konvenuti;

2. Ghaliex dawn id-danni m'ghandhomx jigu likwidati, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi kemm ghal dak li jirrigwarda *"damnum emergensu"* u *"lucrum cessans"* ;

3. Ghaliex l-atturi rikonvenuti m'ghandhom jigu kundannati lil jhallsu lill-konvenuti dik is-somma li tigi hekk likwidata, in linea ta' danni kif fuq intqal, flimkien mall-imghax legali mid-data tac-citazzjoni;

4. Ghaliex m'ghandux jigi dikjarat u deciz li l-atturi rikonvenuti kienu responsabbli ghall-*calls* kemm lokali u kif ukoll *overseas* li saru minn fuq it-telefon numru 687788 bejn is-16 ta' Jannar, 1995 u d-19 ta' Jannar, 1996, waqt li huma kienu jahdmu fl-istabiliment u kellhom access ghall-istess telefon, jew dawk minnhom li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Ghaliex m'ghandux jigi likwidat, okkorrendo bl-opera ta' periti nominsndi il-valur ta' dawn it-telefonati, inkluzi fil-kontijiet (Dok BB I sa BB IV);

6. Ghaliex l-atturi rikonvenuti m'ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-konvenuti dak il-valur li jigi hekk likwidat, in rimbors tal-kontijiet jew dik il-parti minnhom dovuti lill-Maltacom gja Telemalta Corporation, kif fuq intqal, flimkien ma l-imghax legali mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez komprizi Lm5.25c tal-ittra interpellatorja – kontra l-atturi rikonvenuti – li jibqghu ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 18 tal-process.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti** a fol 43 fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-istess konvenut kien iffirma skrittura li permezz taghha iddikjara li huwa debitur versu l-atturi fis-

somma ta' elf u sitt mitt lira (Lm1,600) (Dok A) u talabhom zmien biex ihallas stante li kien f'diffikultajiet finanzjarji.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju mhux minnu illi x-xogholijiet minnhom maghmula ma sarux skond l-arti u s-sengha.

3. Illi bla pregudizzju l-azzjoni ghad-danni hi preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

4. Illi mhux minnu li l-atturi ghamlu t-telefonati li allegatament saru fuq it-telefon numru 687788 bejn is-16 ta' Jannar, 1995 u d-19 ta' Jannar, 1996.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat il-verbal a fol. 46;

Rat id-digriet a fol. 96;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-talba attrici ghal kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta' Lm1,600 hija ammessa fix-xhieda tal-konvenut u fid-dikjarazzjoni li giet ezibita a fol. 45 tal-process.

Izda l-konvenuti ressqu zewg eccezzjonijiet u kontrotalba fejn qed jghidu li huma sofrew danni minhabba xoghol hazin li sar fil-fond in kwistjoni u minhabba telefonati li l-atturi ghamlu barra minn Malta fuq "*hot lines*" mit-telefon tal-konvenuti.

**Xoghol difettuz**

Fl-ewwel eccezzjoni u relattiva kontrotalba, il-konvenuti qed jghidu li l-atturi ghamlu xoghol hazin u mhux skond is-sengha u l-arti u l-atturi kkagunawlhom danni kbar.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li waqt li kien qed isir ix-xoghol il-konvenuti ma lmentaw minn xejn u l-konvenuti kienu jaghmlu pagamenti u meta l-atturi spiccaw mix-xoghol kien fadal bilanc ta’ Lm1,600. Wara li spiccaw ix-xoghol l-atturi kienu talbu lill konvenut biex ihallas u dana kien talabhom zmien billi skond l-atturi l-konvenut kien f’sitwazzjoni finanzjarja hazina. Huma kienu tawh zmien izda ma wasalx. L-atturi xehdu li l-konvenut kien ghamel ukoll pagament fl-Dicembru, 1996 billi l-konvenut kien tahom cheque li kellu jissarraf fi Frar, 1997 izda gie *referred to drawer* Dok a fol. 115.

Wara l-konvenut accetta li jaghmel isktrittura fejn il-konvenut ikkostitwixxa ruhhu veru cert u likwidu debitur fis-somma imsemmja. Lanqas f’dana l-istadju l-konvenut ma kien semma ebda difetti fix-xoghol. Dina l-iskrittura saret fil-21 ta’ April, 1997 mentri l-atturi kienu spiccaw mix-xoghol fil-bidu tal-1996.

Kien biss wara li l-atturi fethulu l-kawza prezenti li l-konvenut beda jsemmi difetti fix-xoghol. Xehed il-Perit Jean Pierre Attard li kien hareg ic-certifikat ezibit a fol. 20 tal-process datat 27 ta’ Mejju, 1998. Hu kien mar biex jara x-xoghol difettuz fit-23 ta’ Mejju, 1998 mentri fil-fatt ix-xoghol kien spicca fil-bidu tal-1996, cjoe sentejn qabel. Jigi notata li dina l-kawza giet prezentata fil-24 ta’ April, 1998 u l-konvenuti gew notifikati fil -25 ta’ Mejju, 1998 wara diversi attentati.

Kollox juri li l-atturi ghandhom ragun jghidu li huma ma kellhomx ilmenti qabel fuq ix-xoghol u li lment tqajjem biss wara li huma ghamlu l-kawza kontra l-konvenuti. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li dina l-eccezzjoni u talba tal-konvenuti ma tistax tintlaqa’.

**Sex calls**

Fit-tieni eccezzjoni u t-talba l-ohra tal-konvenuti dawn qed jghidu li l-atturi abbuzaw serjament mill-uzu tat-telefon tal-konvenuti li kien jinsab fl-istabiliment taghhom u, waqt li huma kienu hemm wahedhom, ghamlu sensiela ta' telefonati lokali u ghall-barra ghal-skopijiet sesswali u tellghu kont enormi tat-telefon ghall-periodu li fih huma biss setghu juzaw l-istess telefon u ta' dan talbu wkoll ir-rimbors.

Il-konvenuti qed iwahhlu fl-atturi li ghamlu is- '*sex calls'* u mhux f'haddiehor billi qalu l-atturi kellhom cavetta tal-post. Hu ma ssuspettax fit-Taljani billi l-hanut ghalaq fi Frar 1995 u rega' fetah sena u xahar wara  u t-Taljani bdew jahdmu fl-ahhar 4/5 xhur qabel rega' fetah mentri l-atturi kienu bdew jahdmu fil-hanut fi Frar.  Skond il-konvenut it-Taljani bdew jahdmu ghandu wara li kien diga' hareg l-ewwel kont gholi.

Skond il-konvenuta Angele Ellul  minn Frar sa Ottubru l-atturi biss kienu qed jahdmu hemmhekk u f'Ottubru dahlu jahdmu t-Taljani u hadmu sa Dicembru.  Meta kienu qed jahdmu hemm it-Taljani kienu rcevew it-tieni kont gholi.

L-atturi cahdu li ghamlu dawn is-*sex calls*.

**Tikkunsidra**

Illi l-konvenuti ma gabux prova diretta li kienu l-atturi li qed jaghmlu s-*sex calls* izda qed jibbazaw ruhhom fuq provi indizzjarji.  Dawn huma provi ukoll izda wiehed irid joqghod attent fil-valutazzjoni taghhom ghax ghal certi cirkostanzi jista jkun hemm spjegazzjoni ohra plawsibbli minn dika li qed jaghti l-konvenut.

Fil-kaz in ezami l-konvenuti qed jghidu li fil-perjodu meta saru *s-sex calls* kien hemm biss l-atturi qed jahdmu fil-post.  L-atturi xehdu li fil-fatt dana mhux hekk billi kienu jigu u jmorru diversi persuni b'dana l-perjodu li inkarigati mill-konvenuti u li kellhom access ghall post.  Dana l-fond, meta kien qed isir ix-xoghol fuqu kellu access facli u bieb temporanju. Dana gie konfermat bil-provi.

L-atturi jsemmu wkoll il-fatt li ghalkemm il-konvenuti indunaw li kienu qed isiru xi *calls* barra minn Malta, huma ma imbarrawx iz-zero u hallew it-telephone kif kien. Inoltre meta l-konvenuti saru jafu bil-kontijiet gholjin f'Mejju, 1995 huma ma kkunttawx lit Telemalta u kien biss f'Settembru, 1995 li sar l-ewwel kuntatt.

L-atturi isemmu ukoll li ghalkemm il-konvenuti saru jafu b'dawn il-calls gholja, huma ma qalu xejn, u lanqas lill-atturi ma semmewlhom xejn. Darba biss il-konvenut semma l-kont ma l-attur u xejn aktar. Il-konvenut spjega li dana ghamlu biex l-atturi ma jitilqux mix-xoghol izda anke wara li l-atturi spiccaw mix-xoghol, fil-1997 meta saret l-iskrittura hu lanqas ma semmilhom xejn.

Fil-fatt meta saret l-iskrittura fil-1997 wara hafna li spicca x-xoghol, il-konvenut ma semma xejn dwar dawn it-telefonati u lanqas ghamel xi riserva izda iffirma u kkostitwixxa ruhu veru debitur. Il-verbal li sar a fol. 46 ma jirriflettiex il-verita' billi l-fatti li taw lok ghal kontro-talba kienu diga' ben noti lill-konvenuti minn qabel.

L-atturi isostnu ukoll li anke l-kontijiet tal-konvenut qabel dana l-perjodu kienu gholjin ukoll - ara dok a fol. 22. Il-konvenuti ma ezibewx il-kontijiet li kienu jircievi qabel. Il-konvenuta Angele Ellul xehdet li hi kienet qattet xi ftit minn dawn il-kontijiet u kienet zammet ta' l-ahhar.

Il-Qorti fic-cirkostanzi ma tistax tghid li hija moralment konvinta li l-konvenuti irnexxilhom jippruvaw li kienu l-atturi li ghamlu dawn is-*sex calls* ghalhekk lanqas dina l-eccezzjoni ma tista' tintlaqa.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
Tichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenuti
U tilqa' t-talba attrici kif dedotta kontra l-konvenuti
Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------